Kulleġġ MR SĠP SI SK ST SM SN

# L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA
# IL-MALTI
## 2015-2016

| | | |
|---|---|---|
| **Is-Sena:** It-Tielet Sena | **Rotta 2** | **ĦIN:** Sagħtejn |
| **Isem:** | | **Klassi:** |

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Taqsima | 1A | 1B | 1Ċ | 1D | 1E | 2A | 2B | 2Ċ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marka | 10 | 5 | 10 | 5 | 20 | 10 | 10 | 10 | 80 |
| Marka tal-istudent | | | | | | | | | |

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | It-Taħdit | 10 | |
| | Is-Smigħ | 10 | |
| | Il-Qari u l-Kitba | 80 | |
| | IT-TOTAL | 100 | |

**Kummenti:**

___

___

___

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

# Bil-Kelma t-Tajba...



Il-kelma *ċipko* bil-Ħindi, li huwa wieħed mid-djaletti tal-Indja, tfisser "teħel". (par. 1)

L-ewwel moviment Ċipko beda fis-seklu 18, meta nies minn 84 villaġġ, immexxija minn mara bl-isem ta' Amrita Devi, daru mas-siġar sabiex jipproteġuhom milli jinqatgħu u rnexxielhom. (par. 2)

Fis-seklu li għadda, fl-Indja reġgħu bdew jinqatgħu ammonti kbar ta' siġar ***għal skopijiet ta' kummerċ.*** B'riżultat ta' dan il-foresti naqsu b'rata allarmanti. Dan kellu konsegwenzi koroh li ħadd ma kien ippreveda. Il-ħamrija tal-inħawi fejn inqatgħu s-siġar iddeterjorat u tkaxkret mal-ilmijiet tax-xita. Ma kienx baqa' ħamrija fejn jikber il-ħaxix. Għalhekk, komunitajiet sħaħ waqfu jrabbu l-annimali għax ma kienx hemm fejn jirgħu. Il-qtugħ ta' daqstant siġar fl-Indja rriżulta f'nuqqas ta' rziezet u kultivazzjoni tal-art. (par. 3)

Irħula sħaħ tbattlu. In-nies ħallew l-għoljiet li sfaw bla siġar u mxew lejn il-pjanuri, sabiex ifittxu xogħol. Imma x-xogħol kien skars u dawn in-nies ftaqru mil-lum għall-għada. Minkejja dan, il-qtugħ tas-siġar kompla. Partijiet kbar mill-foresti tal-Indja bdew jitqassmu b'irkant lill-kuntratturi u dawn bdew iħaddmu n-nies u jħallsuhom bi ftit flus. (par. 4)

Issa mal-Indja beda jinħass l-effett ta' din il-kriżi, fejn daqstant bdiewa spiċċaw bil-ġuħ. Fl-irħula bdew jiffurmaw l-ewwel għaqdiet ta' reżistenza, bi protesta għall-qtugħ tas-siġar. F'qasir żmien, it-Tramuntana tal-Indja sar ċentru fejn bdiet titrawwem kuxjenza ekoloġika li wriet lid-dinja kif deforestazzjoni tista' ġġib magħha tant qerda u sofferenza. Peress li nqatgħu s-siġar u naqset il-veġitazzjoni tal-inħawi, ix-xmajjar spiċċaw bla lqugħ. Fl-1970 faret ix-Xmara Alaknanda u qerdet mat-350 kilometru mimlija villaġġi. Minn dak iż-żmien, dawn l-inħawi ma waqfux jesperjenzaw valangi tat-tajn u xmajjar ifuru. (par. 5)

Sentejn wara, xi kuntratturi waslu f'Gopeshwar, post ieħor fit-Tramuntana tal-Indja, għax kienu ħadu kuntratt ta' 300 siġra. In-nies tal-inħawi riedu jwaqqfu l-qtugħ ta' aktar siġar, imma bla vjolenza. B'hekk ir-raħħala, speċjalment in-nisa, daru ma' kull siġra qishom qed jgħannquha. Weħlu ***magħha***. Damu hemm sakemm il-kuntratturi qatgħu qalbhom. (par. 6)

Minn hawn twaqqaf il-Moviment Ċipko, li fil-biċċa l-kbira kien magħmul minn nisa li, bi protesta favur l-ambjent, żammew diversi kuntratturi milli jaqtgħu s-siġar, billi jgħannqu s-siġar, idawru jdejhom u jeħlu magħhom. (par. 7)

**L-EWWEL TAQSIMA: IL-LINGWA** **(50 marka)**

## 1A. Il-Fehim it-Test

____ / 10

**Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek skont is-silta li qrajt.**

1. X'kien il-moviment Ċipko, skont is-silta? (par.2) (2 marki)

______________________________

______________________________

2. Għal xiex wassal il-qtugħ ta' ħafna siġar fl-Indja? (par. 3) (2 marki)

______________________________

______________________________

3. Għalfejn waqfu jrabbu l-annimali r-raħħala? (par. 3) (marka)

______________________________

4. Għalfejn taħseb li l-foresti baqgħu jingħataw lill-kuntratturi, minkejja l-effetti koroh fuq in-nies tal-post? (par. 4) (marka)

______________________________

______________________________

5. Spjega kif it-Tramuntana tal-Indja spiċċat tgħallem lid-dinja dwar il-konsegwenzi koroh tal-qtugħ tas-siġar. (par 5) (2 marki)

______________________________

______________________________

6. X'inhu l-iskop li tipprotesta mingħajr vjolenza? (par. 6) (2 marki)

## 1B. Għarfien il-Lingwa

_____ 5

1. Fisser il-frażi f'paragrafu 3 ***għal skopijiet ta' kummerċ.*** _______________
2. Minn paragrafu 3, sib frażi li tfisser "malajr ħafna". _______________
3. Kompli l-qawl li jibda bil-kliem: **Bil-kelma t-tajba**____________________.
4. Agħti t-tifsira ta' dan il-qawl:_______________________________________________.
5. Għal min qed jirreferi l-Pronom Mehmuż *ha* f'**magħha** (par. 6) _____________

## 1Ċ. Il-Grammatika

_____ 10

**IL-ĦAJJA MODERNA**

Ħafna jemmnu li l-ħajja saret moderna wisq. Iżda bil-kelma *moderna*, x'nifhmu? Hemm min jistqarr li ħafna nies qegħdin jitilfu l-fidi fir-reliġjon, b'mod speċjali ż-żgħażagħ. Oħrajn jisħqu li t-teknoloġija qiegħda tbiddel il-mod kif il-bniedem iħares lejn il-ħajja, filwaqt li oħrajn jemmnu li l-flus saru ċ-ċentru tal-ħajja umana li qegħdin iwasslu għall-gwerer u l-firdiet. B'hekk, bosta huma konvinti li l-bniedem tal-lum, minkejja ċ-ċokon tiegħu, hu wisq mitluf f'dawn l-hekk imsejħa ħmerijiet, li għalih huma l-egħżeż ħwejjeġ fil-ħajja tiegħu. Ħwejjeġ li waqt is-siegħa ta' mewtu l-ebda wieħed minn fuq wiċċ id-dinja mhu se jieħu miegħu!

1. F'liema forma tal-verb hu l-verb **jitilfu** minn *tilef*: _______________
2. F'liema forma tal-verb hu l-verb **iwasslu** minn *wasal*: _______________
3. F'liema forma tal-verb hu l-verb **tbiddel** minn *bidel*: ______________
4. F'liema forma tal-verb hu l-verb **nifhmu** minn *fehem*: ______________
5. F'liema forma tal-verb hu l-verb **jisħqu** minn *saħaq*: ________________
6. F'liema forma tal-verb hu l-verb **jistqarr** minn *qarr*: ______________
7. Agħmel il-verb **qagħad** fis-**sitt forma Plural**: ______________
8. Agħmel il-verb **fehem** fit-**tmien forma Maskil**: ______________
9. Oħroġ verb fid-**disa' forma Maskil** mill-kelma *ċokon:* ______________
10. Oħroġ verb fit-**tieni forma Femminil** mill-kelma *mewtu:* ______________

## 1D. Il-Kitba Funzjonali

___ / 5

Agħżel (a) **JEW** (b) u ikteb 80 kelma fuqha:

a) L-iskola se tinfetaħ għall-pubbliku. L-istudenti se jorganizzaw il-ġurnata kif jixtiequ huma. Ikteb **AVVIŻ** biex tħajjar lin-nies jiġu jipparteċipaw ħalli l-flus li jinġabru jingħataw lid-Dar tal-Providenza.

**JEW**

b) L-iskola se torganizza ħarġa għal Għawdex. Ikteb **AVVIŻ** biex tħeġġeġ lill-istudenti jiġu. Agħżel il-ġurnata, il-prezz u l-postijiet li se jżuru.

## 1E. Il-Komponiment Ġenerali

20

Agħżel **wieħed** mit-titli li ġejjin u ikteb komponiment ta' madwar **250 kelma** fuqu fil-linji pprovduti.

1. Taqbel li żgħażagħ tamparek jibqgħu barra sa tard billejl? Iddiskuti.
2. Il-karriera li nixtieq la nikber.
3. Il-festa tar-raħal.

Titlu numru:_________

**IT-TIENI TAQSIMA: IL-LETTERATURA** **(30 marka)**

## 2A. Referenza għall-Kuntest (Poeżija – *Nadriet 3*)

**10**

**Referenza għall-Kuntest (10 marki)**

**Aqra dawn iż-żewġ strofi u wieġeb il-mistoqsijiet dwar il-poeżija:**



Kont fuq xifer ta' blata; f'riġlejja
Waħda f'waħda l-mewġ tasal u tmur.
Kien il-baħar jitbewwes max-xtajta
Hieni u ħiemed maġenbha mixħut?

Ġera ħsiebi lejn hena tfuliti,
Iż-żmien ħelu tal-ħajja bla ħsieb,
Meta kollox hu safi mill-ħtija,
Meta kollox ma' qalbna jinġieb.

1. Din il-poeżija kitibha Dun _____________ _________________ (2 marki)

2. Fejn jinsab il-poeta? __________________________________________ (2 marki)

3. Fejn mar ħsieb il-poeta meta kien f'dan il-post? ________________________ (marka)

4. "il-baħar jitbewwes max-xtajta": x'figura letterarja nsibu f'dan il-vers?

   ______________________________________________________________________(marka)

5. X'tip ta' strofi għandha din il-poeżija? __________________________________(marka)

6. X'rima qed iħaddem il-poeta? ________________________ (marka)

7. L-aħħar żewġ versi jibdew bil-kelma 'Meta'. Meta kelma tkun ripetuta fil-bidu tal-vers, din tissejjaħ ________________________ (marka)

8. Din il-poeżija hija miktuba bi stil: ☐ modern ☐ tradizzjonali. (marka)

## 2B. Il-Poeżiji minn *Nadriet 3*

10

**Mistoqsijiet dwar poeżiji oħra. (10 marki)**

1. (a) Iddeskrivi l-karattru tal-bejjiegħ, f'"Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti".

____________________________________________

____________________________________________ (2 marki)

(b) X'kien jgħożż l-aktar fid-dinja?

____________________________________________ (marka)

2. Spjega l-kuntrast fil-poeżija f' "Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti"?

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________(4 marki)

3. F'madwar 30 kelma x'fhimt mill-poeżija ta' "Matul is-Snin tal-Ħajja" ta' Ġużè Chetcuti .

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________(3 marki)

## 2Ċ. In-Novelli minn *Stejjer Għal Qabel Jidlam*

10

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar l-istejjer li qrajt.**



(i) ***It-Tifel tal-Baħar***

1. Ma' min kien jgħix Bertu?

______________________________________________ (marka)

2. Ma' min kien jaħdem Bertu biex jaqla' xi ħaġa tal-flus?

______________________________________________ (marka)

3. X'għamlet omm Bertu wara li huwa mar lura d-dar tard?

______________________________________________

______________________________________________ (marka)



(ii) ***Sitt Xhur Mhuma Xejn***

4. Ftit qabel it-tieġ tiegħu, omm il-protagonist x'talbitu jagħmel lil binha?

______________________________________________ (marka)

5. Xi bdiet tagħmel l-omm matul it-tieġ, li rrabja ħafna lil binha?

______________________________________________ (marka)

6. Għalxiex taħseb li l-omm għamlet dan kollu?

______________________________________________ (marka)

(iii) ***Sold għall-Ħamiem, Sinjur!***

7. Xi ġralu Vestru matul il-gwerra u wara ma' min spiċċa jgħix?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

8. Fisser kif toħroġ it-tema tal-imħabba lejn l-annimali fin-novella.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)



**TMIEM IL-KARTA**